**Auberge de Castille**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ għall-bejgħ l-ewwel muniti *proof* tiegħu tal-fidda u tad-deheb għall-kollezzjonisti denominati f'euro. Dawn il-muniti qed jinħarġu bħala parti mill-*Europa Programme* 2008 bit-tema ta' 'Wirt Kulturali'. Il-muniti ġew stampati fir-*Royal Dutch Mint*. Fuq in-naħa ta' quddiem tal-munita hemm l-Arma ta' Malta u s-sena ta' ħruġ, 2008. Fuq in-naħa ta' wara hemm xbieha tal-'Berġa ta' Kastilja', l-'Istilla Ewropea' (li hi l-logo uffiċjali tal-programm) u l-valur nominali tal-munita.

Il-muniti tad-deheb laħqu nbiegħu kollha.  Il-muniti tal-fidda jistgħu jinxtraw mill-*Malta Coin Distribution Centre*, fil-bini ewlieni tal-Bank Ċentrali ta' Malta jew billi wieħed jimla l-formola tal-applikazzjoni li tinsab hawn taħt.

Għal iżjed informazzjoni dwar il-ħruġ ta' dawn il-muniti tad-deheb u tal-fidda, wieħed għandu jibgħat email lill-mcdc@centralbankmalta.org jew iċempel fuq in-numru +356 2550 6005.